MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru 15/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Abraham Zammit)**

**Vs**

Elton Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Elton Abela ta' karta ta' identita' numru 472781(M), akkuzat:

1. fit-12 ta' Jannar 2003 ghal habta tas-7:45 p.m. fil-Fgura minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja f'perikolu car, permess ta' strument li jaqta' u bil-ponta volontarjament darab jew sawwat lill-Godwin Schembri mill-Fgura u kkagunalu feriti ta' natura gravi skond kif iccertifikat Dr. Diane Tabone M.D ta' l-Isptar San Luqa;

2. waqt li kien qed jikkommetti l-imsemmi reat kellhu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ jew iniggez minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti mitluba li barra l-piena stabbilita’ tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom huwa baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda, inkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni huma fis-semplicita’ taghhom illi l-imputat fiz-zmien tal-allegati reati kien impjegat f’pastizzerija jisimha ‘Sphinx’ ta’ ‘Triq Hompesch’, Fgura. Fil-gurnata in kwistjoni kienet dahlet ordni ta’ xoghol ghal dik il-filghaxija minn omm l-midrub Godwin Schembri, li kellha titlesta ghas-sitta u nofs ta’ dik il-filghaxija. Jirrisulta illi meta marru biex jigbru l-ordni din kienet fil-procint li titlesta, izda, minhabba wisq probabbli xi malintiz, il-persuna li kienet marret tigborha rritornat lura d-dar minghajrha. L-eventi li segwew taw lok ghall-incident li sussegwentement inqala’ u taw lok ghall-akkuzi odjerni. M’hemmx dubbju li kemm l-imsemmi Godwin Schembri u ommu rrimostraw ir-rabja taghhom meta faccjaw lill-imputat u din il-Qorti hi konvinta, mill-provi li semghet, li l-agir taghhom kien provokatorju, specjalment dak tal-midrub Godwin Schembri.

Illi l-imputat attribwixxa l-ferita li garrab l-imsemmi Schembri ghal ‘casus’. Mhux pero’ kontestat minnu li hu kellu f’dan il-hin sikkina f’idejh li kien qieghed juzaha biex iqatta l-pizza. Jghid fir-rigward l-imsemmija ferita li ‘lqattu appena dar’ fil-hin li l-imputat gholla idejh biex jevita daqqa.

Illi l-Qorti mhiex sodisfatta li l-kaz kien wiehed fortuwitu. Ix-xhieda fil-fehma taghha juru diversement. Fil-fatt jirrisulta li l-imputat fl-ebda hin tul l-incident ma nehha s-sikkima minn idejh u xhud prodott minnu tghid li osservat l-imputat johrog wara l-imsemmi Schembri.

Inghad dan jirrisulta mix-xhieda tat-tabiba illi l-ferita li sofra Schembri kienet ta’ natura hafifa. Iddeskriviet l-istess ferita li kienet fir-regun tad-dahar fuq in-naha tal-lemin taht l-iskapula u li kienet ta’ natura hafifa kemm per durata u kemm per natura. Difatti, elaborat ix-xhud, li wara li giet medikata u wara li gie applikat id-drain sabiex id-demm inixxi ma setax ikun hemm aktar konsegwenzi.

Ghaldaqstant, taqta’ u tiddecidi, billi ssib l-imputat hati li kkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta’ Godwin Schembri li kkagunha permezz ta’ sikkina u konsegwentement li kellhu fil-pusess tieghu tali strument li jaqta’ u bil-ponta. Wara li rat l-Artikolu 221 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 u 19 tal-Kap 66 u kkonsidrat ukoll l-element tal-provokazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 229 tal-Kap 9, tiddecidi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur mill-lum u dana kif spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu naxxenti minn dina s-sentenza. Tordna wkoll il-konfiska tas-sikkina u fic-cirkostanzi ma jidhirliex li ghandha tapplika ebda provvediment a bazi tal-Artikolu 383 tal-Kap 9. Tikkundannah ukoll multa ta’ Lm30.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------